**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Frar 2024**

Rikors Numru: 329/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2213/1991)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tletin ta' Novembru tas-sena elf disa mija wieħed u disgħin (30/11/1991) kif jidher mil anness certifikat taż-żwieġ mmarkat bħala Dok A';

2. Illi l-esponenti sseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja datat sebgħa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (27/07/2022) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok B';

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erba t'itfal u cioe E, li twieled fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elf disa mija tnejn u disghin (1992), F li twieled fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Dicembru, tas-sena elf disa mija tlieta u disgħin (1993), G H li twieldet fit-tlieta (3) ta' Jannar, tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (1998) liema ulied illum huma maġġorenni u I li twieled fit-tmintax (18) ta' Settembru tal-elfejn u sitta (2006) li llum għadu minuri u dan kif jidher mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkat bħala Dok C1 - C4';

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati mis sebgħa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (27/07/2022), u qilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn sena (1) matul l-ahhar (2) precedenti dan l-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B(a) tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ammendat permezz tal-Att XXV of 2021.

5. Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll martu kienu irrinunzjaw ghad-dritt tagħhom għal manteniment, filwaqt illi C D obbliga ruħu li jħallas manteniment fis-somma ta' mitejn ewro (€200) fix xahar għal ibnu u dan skont klawżola (12) tal- istess kuntratt ta' separazzjoni,

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Qorti, jazva lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l- istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku:

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Gunju 2023;

Semħet lill-intimat preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li ma jopponiex għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Lulju 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.